MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 887/2000/1

**Angela mart Francis Genovese u l-istess Francis Genovese għal kull interess li jista' jkollu.**

***Versus***

**Carmela magħrufa bħala Janie mart Salvatore Axisa, Joseph, Cristino, ilkoll aħwa Bugeja; Dr Therese Cachia bħala prokuratriċi ta' l-imsefrin George Bugeja, Benjamino magħruf bħala Benny Bugeja u Doris mart Alfred Spiteri; Mark Lawrence Bugeja, Silvia Xuereb u Doreen Vella**

F'din il-kawża l-attriċi qiegħda tfittex il-ħlas ta' kreditu mħolli lilha b'legat.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi b'testment ta' l-24 ta' Settembru 1994 Carmela armla minn Emanuele Bugeja kienet ħalliet lill-attriċi bi prelegat il-kreditu ta' sitt elef lira (Lm6,000) li t-testatriċi kellha kontra binha Carmelo Bugeja. Carmela Bugeja mietet fl-14 ta' Novembru 1995.

Carmelo Bugeja kien aċċetta l-wirt ta' ommu Carmela u għalhekk aċċetta wkoll illi jrodd il-kreditu. B'testment tal-25 ta' Ġunju 1996 Carmelo Bugeja kien ħatar lill-konvenut Mark Lawrence Bugeja bħala werriet universali tiegħu, u miet fis-16 ta' Frar 1999.

Il-konvenut Mark Lawrence Bugeja aċċetta l-wirt ta' zijuh Carmelo Bugeja mingħajr kondizzjonijiet, u għalhekk huwa marbut li jħallas lill-attriċi s-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) lilha mħollija bit-testment ta'Carmela Bugeja.

Billi għalxejn sejħu lill-konvenut biex iħallas, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tikkundanna lill-konvenuti jdaħħlu lill-attriċi fil-pussess tal-prelegat imħolli lilha fit-testment ta' Carmela Bugeja;

2. tgħid illi Carmelo Bugeja kien marbut illi jrodd lill-attriċi s-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) mħollija lilha bi prelegat minn Carmela Bugeja;

3. tgħid illi l-konvenut Mark Lawrence Bugeja aċċetta t-testment ta' zijuh Carmelo Bugeja tal-25 ta' Ġunju 1996, u għalhekk huwa marbut għall-ħlas ta' l-obbligazzjonijiet ta' Carmelo Bugeja; u

4. tikkundanna lill-konvenut Mark Lawrence Bugeja iħallas lill-attriċi s-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) lilha mħollija bi prelegat kif premess.

Talbu ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali u ta' ittri interpellatorji, u l-imgħax mid-data tal-mewt tat-testaturi ġ*sic*ħ sa meta jsir il-ħlas.

Il-konvenut Mark Lawrence Bugeja ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet ta' l-atturi għandhom jiġu miċħuda;

2. it-testment ta' Carmela Bugeja, li kien testment sigriet, infetaħ fil-21 ta' Lulju 1999, wara li Carmelo Bugeja kien laħaq miet;

3. għalhekk Carmelo Bugeja qatt ma seta' aċċetta l-wirt ta' ommu Carmela, ladarba t-testment tagħha nfetaħ wara mewtu;

4. l-eċċipjent, bħala werriet ta' Carmelo Bugeja, kien irrinunzja għall-wirt ta' Carmela Bugeja;

5. mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, Carmela Bugeja ħalliet bħala prelegat "il-kreditu li għandha kontra Carmelo Bugeja", u xorta waħda għandha ssir il-prova ta' dan il-kreditu;

6. kontra dak li jgħid it-testment, Carmela Bugeja ma kellha ebda kreditu kontra binha Carmelo Bugeja; u
7. dikjarazzjoni unilaterali ta' Carmela Bugeja, għalkemm magħmula f'testment, ma hijiex prova fiha nfishha kontra Carmelo Bugeja, ladarba Carmelo Bugeja ma kienx parti fit-testment u lanqas kien sar jaf x'fih it-testment qabel ma miet.

Il-konvenuti Carmela Axiaq, Joseph Bugeja u Dr Therese Cachia *nomine* ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. huma qatt ma aċċettaw il-wirt ta' ommhom Carmela Bugeja u qatt ma wettqu xi *atto d'erede*, u jmiss lill-attriċi li tagħmel prova tal-kuntrarju; għalhekk għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju;
2. fit-testment ta' l-24 ta' Settembru 1994 it-testatriċi Carmela Bugeja kienet rabtet lil Carmelo Bugeja biex iħallas il-prelegat, u għalhekk l-eċċipjenti ma humiex marbuta illi jħallsu l-prelegat huma;
3. il-werriet waħdieni ta' Carmelo Bugeja huwa l-konvenut Mark Lawrence Bugeja, u l-eċċipjenti qatt ma aċċettaw il-wirt ta' ħuhom Carmelo; għalhekk il-prelegat għandu jħallsu kollu l-konvenut Mark Lawrence Bugeja; u
4. huma ma għandhomx jeħlu spejjeż jew iwieġbu b'xi mod ieħor għan-nuqqas ta' Mark Lawrence Bugeja li jħallas dak li għandu jħallas.

Il-konvenuti Sylvia Xuereb u Doreen Vella b'nota esebew kopja ta' l-att li bih irrinunzjaw għall-wirt ta' Carmela Bugeja u talbu illi jinħarġu mill-kawża billi ma għandhom ebda interess fiha.

Il-konvenut Cristino Bugeja ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet ta' l-atturi għandhom jiġu miċħuda;
2. it-testment ta' Carmela Bugeja, li kien wieħed sigriet, infetaħ fil-21 ta' Lulju 1999;
3. l-eċċipjent irrinunzja għall-wirt ta' ommu Carmela Bugeja;
4. ma jidhirx illi Carmela Bugeja tassew kellha xi kreditu kontra Carmelo Bugeja, u f'kull każ l-atturi għandhom jagħmlu l-prova ta' dan il-kreditu għax dikjarazzjoni ta' min jgħid li hu kreditur ma hijiex prova ta' dejn kontra debitur li ma kienx parti f'dik id-dikjarazzjoni.

Waqt is-smigħ tal-kawża l-konvenut Mark Lawrence Bugeja kompla ressaq eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*e*) tal-Kodiċi Ċivili.

Il-kwistjonijiet f'din il-kawża, kif joħorġu miċ-ċitazzjoni u min-noti ta' eċċezzjonijiet, huma essenzjalment dawn:

1. jekk saritx prova illi Carmelo Bugeja kellu jagħti sitt elef lira (Lm6,000) lil ommu Carmela Bugeja;

2. fil-każ illi ssir prova tad-dejn, jekk l-azzjoni għall-ħlas waqgħetx bi preskrizzjoni;

3. fil-każ illi l-prova tad-dejn ma tkunx saret *aliunde*, jew għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni, jekk Carmelo Bugeja stess għarafx id-dejn u kisirx il-preskrizzjoni billi aċċetta bla kondizzjonijiet il-wirt ta' ommu.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Emanuele u Carmela Bugeja, il-ġenituri jew nanniet tal-partijiet, fl-1964 kienu bigħu dak kollu li kellhom f'Malta u emigraw lejn l-Awstralja ma' wħud minn uliedhom. B'dak li daħħlu mill-bejgħ ta' ħwejjiġhom, għamlu ħlas akkont tax-xiri ta' proprjetà fl-Awstralja u komplew iħallsu minn dak li daħħlu b'xogħolhom u b'xogħol uliedhom, billi, milli jidher, id-dħul tal-familja kien jidħol f'but wieħed.

Fl-1976 qatgħuha li jiġu lura Malta. Għalhekk bagħtu lil binhom Carmelo, li kien il-kbir fost ħutu, biex jixtrilhom proprjetà f'Malta fejn setgħu joqogħdu u bdew jillikwidaw il-proprjetà li kellhom l-Awstralja. Għalkemm il-flus ħarġuhom il-ġenituri u tnejn minn uliedhom — l-istess Carmelo u ħuh Joseph — Carmelo xtara biċċa art fuq ismu u ħatar lill-attur Francis Genovese bħala prokuratur biex jieħu ħsieb il-bini ta' dar u ta' *garage* fuq din l-art billi Carmelo kellu jmur lura għal xi żmien l-Awstralja qabel ma ġie lura Malta għal kollox xi sena wara.

Meta mbagħad il-ġenituri ġew lura Malta ma' wliedhom, bdew joqogħdu fid-dar li nbniet fuq l-art ta' Carmelo, u magħhom kienu joqogħdu wkoll Carmelo u Joseph. Billi Joseph ukoll kien ħareġ xi flus għax-xiri u l-bini tad-dar, fid-19 t'Ottubru 1979 kien sar kuntratt bejn Joseph u Carmelo fl-atti tan-Nutar Antoine Agius[1] li jgħid hekk:

… … … il-komparent Joseph Bugeja qiegħed jassenja, iċedi u jittrasferixxi a favur tal-komparent Carmelo Bugeja d-drittijiet tiegħu kollha ta' proprjetà u ta' użufrutt, azzjonijiet, raġunijiet u pretensjonijiet li ghadhom illikwdi li l-istess ċedent għandu fuq id-dar bla numru jisimha

1 *Foll.* 66 *et seq.*

*Carmen* u fuq il-*garage* bla numru, Ħal Qormi fi triq ġdida bla isem li tiżbokka fuq Victory Street … … …
… … … l-imsemmija dar u *garage* ġew mibnija (ġebel u soqfa) mill-kontraenti u mill-imsemmi missierhom fuq iż-żewġ *plots* mixtrija mill-komparent Carmelo Bugeja in forza ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Philip Saliba fis-sebgħa ta' Frar, elf disa' mija sitta u sebghin … … …
Dina ċ-ċessjoni qiegħda ssir bil-prezz ta' elf u tmien mitt lira prezz li ċ-ċedent diġà rċevieh mingħand iċ-ċessjonarju u jħallilu riċevuta tiegħu.

Joseph iżżewweġ u ma baqax joqgħod fid-dar. Wara xi żmien miet il-missier, u fid-dar baqgħu l-omm u Carmelo, li baqa' għażeb.
Fl-24 ta' Settembru 1994 l-omm għamlet testment sigriet[2] li jgħid hekk:
Niddikjara illi d-dar fejn noqgħod u fejn kien joqgħod żewġi, il-mejjet Emanuel Bugeja, inbniet fuq art li kienet tappartieni lil ibni Carmelo Bugeja iżda għall-bini tagħha jien u żewġi ikkontribwejna sostanzjalment minn flus li jien u żewġi konna nibagħtu lill-prokuratur tagħna Francis Genovese mill-Awstralia, minn żmien għal żmien. Niddikjara illi minn flusna sar il-musajk fit-taraġ ta' l-istess dar, kif ukoll iz-zokklatura tad-dar, sar ukoll l-injam tal-poġġaman, il-bibien interni kollha tal-kawba, inxtara 1-*grandfather clock*, u l-aperturi ta' barra, il-madum ta' l-art u xi għamara. *Inoltre* bi flus tiegħi u ta' żewġi nxtara l-qabar fiċ-Ċimiteru ta' Santa Maria Addolorata bil-prezz ta' tliet mija u ħamsa u għoxrin liri Maltin (Lm325), f'isem 1-istess Carmelo Bugeja ibni. Inxtraw ukoll żewġ *refrigerators*, *cooker* u l-bank tal-kċina. Niddikjara illi ghal perijodu ta' xi sentejn intefqu minn flusi u flus żewġi bejn wieħed u ieħor is-somma ta' sitt elef liri Maltin (Lm6,000). Barra dan, il-manutenzjoni li kienet tirrikjedi 1-imsemmija dar saret a spejjeż tiegħi. Dan premess, niddikjara illi jiena u l-mejjet żewġi għandna kreditu għall-valur tal-benefikati kontra ibni l-imsemmi Carmelo Bugeja fl-ammont ta' sitt elef liri Maltin (Lm6,000). Inhalli b'titolu ta' prelegat dan il-kreditu li għandi kontra ibni Carmelo Bugeja lil binti Angela mart

2 *Foll.* 6 *et seq.*

Francis Genovese, u għalhekk immedjatament wara mewti nobbliga lil Carmelo Bugeja li jħallas din is-somma lill-istess Angela Genovese bħala kumpens għas-saldu tas-serviġi, kuri u assistenzi illi din binti Angela ipprestatli u lill-istess Carmelo Bugeja, ħuha, sallum. Niddikjara illi naf illi parti mill-imsemmi kreditu jappartieni lill-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejni u l-mejjet żewġi, b'dan kollu nordna li dan il-kreditu għandu jittieħed minn binti Angela fl-intier.

Lill-attriċi Angela Genovese ħallitilha wkoll bi prelegat il-ħwejjeġ tad-deheb u ħaġar prezzjuż, u bħalla werrieta ħatret lit-tmien uliedha u lil ulied bintha li mietet qabilha. Carmela Bugeja mietet fl-14 ta' Novembru 1995, iżda t-testment infetaħ biss fil-21 ta' Lulju 1999. Carmelo binha miet fis-16 ta' Frar 1999, qabel ma nfetaħ it-testment, iżda lill-attriċi kien ħallieha tieħu d-deheb imħolli lilha bit-testment ta' l-omm għalkemm matul ħajtu t-testment kien għadu ma nfetaħx.
Carmelo kien għamel testment fil-25 ta' Ġunju 1996 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius[3]. Bis-saħħa ta' dak it-testment, wara li ħalla xi legati li sitta minn ħutu, ħatar lill-konvenut Mark Lawrence Bugeja, iben ħuh il-konvenut Cristino Bugeja, bħala werriet waħdieni tiegħu.
Wara li nfetaħ it-testment ta' l-omm, li, kif rajna, kien wara l-mewt ta' Carmelo, uħud mill-werrieta maħtura irrinunzjaw għall-wirt tagħha. Mark Lawrence Bugeja, bħala werriet ta' Carmelo, ukoll b'nota tad-9 ta' Ġunju 2000[4] irrinunzja għal kull sehem illi Carmelo Bugeja seta' kellu mill-wirt ta' l-omm.
Ngħaddu issa biex inqisu l-kwistjonijiet li ssemmew aktar 'il quddiem f'din is-sentenza bħala l-kwistjonijiet ewlenin ta' din il-kawża.
L-ewwel kwistjoni hija jekk saritx mill-atturi l-prova tad-dejn imħolli bi prelegat.
Sewwa jgħidu l-konvenuti fl-eċċezzjonijiet tagħhom illi l-istqarrija magħmula mit-testatriċi dwar id-dejn hija biss stqarrija unilaterali u, fiha nfisha, ma hijiex prova illi tassew kellha tieħu mingħand min fit-testment issemma

3 *Foll.* 8 *et seq.*
4 *Fol.* 184.

bħala debitur, għax *scriptura non probat nisi contra scribentem*.

Madankollu, fil-fehma tal-qorti ma jistax ikun hemm dubju illi tassew illi l-ġenituri ħarġu flus biex inbniet id-dar, u b'hekk stagħna binhom Carmelo għax il-bini kabbar il-valur ta' l-art. L-aqwa prova ta' dan hija l-istqarrija magħmula, din id-darba, minn Carmelo stess fil-kuntratt li għamel ma' ħuh Joseph fid-19 t'Ottubru 1979 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius meta Carmelo u Joseph stqarrew illi l-bini sar minnhom u minn missierhom. Bis-saħħa ta' dak il-kuntratt Joseph ċeda kull jedd u pretensjoni li kellu fuq il-bini, iżda ma ntweriex illi l-missier jew l-omm ukoll għamlu ċessjoni ta' drittijiet.

Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, saret il-prova illi Carmelo Bugeja tassew stagħna bil-flus li ħarġu mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Dwar il-*quantum* il-qorti hija tal-fehma illi tista' toqgħod fuq l-istqarrija magħmula mill-omm fit-testment. Ġà rajna illi l-omm kienet qiegħda tgħid is-sewwa meta qalet illi nħarġu flus tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejnha u żewġha biex tela' l-bini, u l-qorti ma tarax xi raġuni għala ma għandhiex temmen ukoll dak li qalet l-omm dwar il-*quantum*. Fil-fehma tal-qorti ma għandhiex tingħata wisq importanza għall-fatt illi riċevuti dwar spejjeż, esebiti mill-konvenut Mark Lawrence Bugeja[5], huma kollha fuq isem Carmelo. Ġà rajna illi, sa minn meta ġie Malta biex jixtri l-art minn flus li ma kinux kollha tiegħu waħdu, Carmelo kien qiegħed jaħseb biex jagħmel tiegħu l-ħwejjeġ illi l-familja tikseb f'Malta, tant illi l-art xtraha f'ismu; għalhekk ma tkunx ħaġa wisq kbira illi mexa bl-istess ħsieb meta kienu jinħarġulu r-riċevuti. Dan seta' jagħmlu għax, għalkemm ma kienx joqgħod waħdu fid-dar, għax miegħu kienu joqogħdu wkoll missieru u ommu sakemm mietu u, sakemm iżżewweġ, ħuh Joseph ukoll, hu biss minnhom kien jaf jikteb u jaqra[6].

Ngħaddu issa biex inqisu l-preskrizzjoni.

Il-konvenut Mark Lawrence Bugeja ressaq eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' ħames snin taħt l-art.2156(*e*) tal-Kodiċi Ċivili:

---

5 *Foll.* 185 *et seqq.*

6 Ara x-xhieda ta' l-attur Francis Genovese fis-seduta tal-21 ta' Frar 2003, *fol.* 119.

**2156.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:

… … …

(*e*) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;

Il-flus, iżda, ma ngħatawx b'self: l-azzjoni li Carmela Bugeja kellha kontra binha Carmelo, u li għaddiet bi prelegat lill-attriċi, ma kinitx għar-radd ta' flus mogħtija b'self iżda għar-radd ta' spejjeż magħmula minn Carmela u minn żewġha u li minnhom Carmelo stagħna bla mistħoqq.

L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, għalhekk, ma tistax tintlaqa' u hija miċħuda.

Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, għall-għanijiet tal-kawża huwa irrelevanti jekk Carmelo Bugeja aċċettax jew irrinunzjax għall-wirt. Id-debitur seta' kien barrani, mhux werriet, u xorta kien jiswa l-legat, ladarba saret il-prova ta' l-eżistenza tad-dejn. Id-debitur huwa marbut li jħallas id-dejn lill-prelegatarju daqslikieku l-prelegatarju huwa l-kreditur, ladarba l-prelegatarju huwa s-suċċessur tal-kreditur b'titolu partikolari.

Fadal li nqisu t-talba biex l-attriċi tiddaħħal fil-pussess tal-legat.

Billi iżda l-werrieta maħtura kollha, ħlief l-attriċi stess, ma aċċettawx il-wirt jew irrinunzjaw għalih, l-attriċi ma teħtieġx li tiddaħħal fil-pussess billi, bħala werrieta waħdanija, ġà għandha l-pussess legali tal-beni tal-mejta[7]. Għalhekk, ma hux meħtieġ provvediment dwar it-talba biex l-attriċi tiddaħħal fil-pussess tal-legat.

Ma saret ebda eċċezjoni mibnija fuq il-fatt illi parti mill-prelegat kienet *di cosa altrui*, għax il-kreditu kien tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Carmela u żewġha.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut Mark Lawrence Bugeja, u tgħid illi l-istess Mark Lawrence Bugeja, bħala werriet waħdieni ta' Carmelo Bugeja, għandu jrodd lill-attriċi s-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) bi ħlas tad-dejn li l-awtur tiegħu kellu lejn Carmela Bugeja u li Carmela Bugeja ħalliet bi prelegat lill-attriċi,

[7] Art. 936, Kod. Civ.

tikkundanna lill-istess Mark Lawrence Bugeja jħallas lill-attriċi s-somma ta’ sitt elef lira (Lm6,000) u l-imgħax fuqha minn dakinhar tas-sejħa għall-ħlas b’att ġudizzjarju sa meta jsir il-ħlas.
Billi r-rinunzja għall-wirt mill-konvenuti l-oħrajn saret wara li nfetħet il-kawża, il-konvenuti ħlief Mark Lawrence Bugeja għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom stess; l-ispejjeż l-oħrajn kollha għandu jħallashom il-konvenut Mark Lawrence Bugeja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------